

# L-EWWEL BANDA FL-IMSIERAĦ

*Sur Anthony Grima - Ex-President*

It-twaqqif ta' banda lokali fl-Imsieraħ jaf il-bidu tiegħu lejn tmiem is-snin ħamsin u l-bidu tas-snin sittin. Dan meta Patri Leopoldo Tabone għamel ftehim mas-surmast Angelo Pullicino li kien is-surmast tal-Banda San Ġiljan. Mro. Pullicino kellu jibda jagħti lezzjonijiet tal-mużika fil-lokal. Il-lezzjonijiet kienu jsiru f'post fi Triq il-Mensija, il-post li kien magħruf bħala s-'Section' jew is-Sala taż-Ż.Ħ.N. Jidher li dan il-ftehim ma ħadimx għax wara ċertu żmien l-lezzjonijiet kienu twaqqfu.

Kien xi snin wara dan meta fuq inizjattiva ta' Patri Mario Azzopardi sar tentattiv ieħor biex titwaqqaf banda lokali. Patri Mario beda jħajjar lil xi nies li hu kien jaf sewwa biex jiffurmaw kumitat proviżorju tal-banda. Ewlenin fost dawn kien hemm Toninu Grima u Ċensu Pulis. Magħhom żdiedu oħrajn u bdew isiru xi laqgħat informali. F'laqgħa li saret apposta fis-Section kien maħtur l-ewwel kumitat.

Minħabba li fis-sala taż-ŻĦN kienu jsiru għadd ta' laqgħat u attivitajiet oħra, il-kumitat ħass il-ħtieġa li jinkera post żgħir. Dan kien garaxx fi Triq Bernadette, kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini. F'dan il-post bdew isiru l-laqgħat tal-kumitat kif ukoll jingħataw il-lezzjonijiet lill-allievi.

**Il-banda nawgurata uffiċjalment**

Ma nafux eżatt meta twaqqfet din il-banda, iżda m'hemm ebda dubju li fl-1966 din kienet diġà mwaqqfa. Dan joħroġ ċar mid-data li hemm fuq il-bandalora li kellha l-'Għaqda Mużikali Madonna ta' Lourdes' u li llum tinsab fil-każin tal-banda tal-għaqda. Li nafu fiż-żgur hu li din il-banda kienet inawgurata uffiċjalment nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju 1967 waqt ċerimonja fuq iz-zuntier tal-knisja. F'din l-okkażjoni l-Provinċjal tal-Kapuċċini bierek kemm il-bandalora kif ukoll l-istandardi ta' din l-ewwel banda tal-Imsiera. Din il-bandalora kienet inħadmet bi ħlas mis-sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù tal-istess raħal. Wara dan, il-banda akkumpanjat l-istatwa ta' Malta f'marċ li sar mat-toroq tal-Imsieraħ.

L-għada, is-Sibt 6 ta' Mejju, il-banda akkumpanjat l-istatwa ta' San Ġużepp f'marċ ieħor. Hawn ġie mżanżan l-innu tal-banda 'Doqqu Qniepen Doqqu". Dan l-innu kellu versi ta' Patri Mario Azzopardi u mużika ta' Mro. Carmelo Schembri. Din kienet l-ewwel strofa ta' dan l-innu:

Doqqu qniepen doqqu,
kantaw ilħna kollha ferħanin,
għax illum bir-raġun
ħriġna l-banda mill-każin.

Ta' min jgħid li b'inizjattiva tal-kumitat u t-tħabrik ta' Patri Mario kien twaqqaf ukoll kor li kien taħt it-tmexxija tal-l-istess Patri Mario. Dan il-kor kien ħa sehem fil-kant ta' dan l-innu.

Fuq l-idea tas-surmast Schembri, il-kumitat kien ġab xi kompozizzjonijiet mill-Ingilterra, fosthom żewġ marċi. Wieħed kien il-'Colonel Bogey' u l-ieħor il-'Puppet On A String' li kienu ferm popolari. F'din l-ewwel dehra tagħha, il-banda kienet ġiet ippreżentata b'żewġ tazzi, waħda mill-President Onorarju, it-tabib George Zarb u l-oħra minn Victor Grech.

Għal din l-okkażjoni l-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur Mro. Carmelo Schembri waqt li l-kumitat kien iffurmat minn dawn is-sinjuri: President T. Grima, Segretarju Joe Tanti, Kaxxier V. Pulis, Viċi President Patri Mario Azzopardi, Asst. Segretarju Ch.

Busuttil, Membri Jos. Grima u Car. Grima. Direttur Spiritwali Patri Mario Azzopardi.

Mro. Schembri ħalla l-kariga ta' Surmast Direttur f'Ġunju 1967 peress li kien ser jemigra lejn l-Awstralja. Floku daħal Mro. Alfred Parnis li kompla fejn ħalla s-surmast Schembri. Fl-4 ta' Novembru tal-istess sena din il-banda kienet aċċettata fl-MBCA.

**Każin Ġdid**

Għall-aħħar tal-1967 ġiet l-opportunità li bħala każin tal-banda jinkera l-post nru. 8, Triq in-Naxxar, kantuniera ma' Triq San Ġwann tal-Għargħar. Bħassoltu tfaċċat il-problema tal-finanzi. L-aktar mhux dik tal-kera imma biex tarma każin qatt ma kienet cajta! Iżda bil-ħidma ta' ħafna nies dan il-każin kien lest biex jinfetaħ ftit ġranet biss qabel il-festa tal-1968. Il-purtieri u kull ħaġa li kellha x'taqsam ma' ħjata sar kollu minn Marianne Grima, mart il-President. It-tindif u ħafna xogħol ieħor sar minn ħafna nies li mpossibbli nsemmuhom b'isimhom.

Dan il-każin kien miftuħ uffiċjalment fit-12 ta' Mejju 1968. Wara li l-President T. Grima għamel indirizz ta' merħba u stieden lit-Tabib George Zarb, President Onorarju tal-stess banda, biex jiftaħ il-każin. Dan ġie mbierek mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Fost ħafna mistednin distinti kien preżenti il-Kav. M. A. Delia, President tal-MBCA, għaqda li tiġbor fi ħdana l-baned ta' Malta u Għawdex.

Għall-festa tal-1968 il-banda reġgħet għamlet il-marċ tal-Ġimgħa u s-Sibt. Minbarra dan, għall-ewwel darba fl-istorja tal-Imsieraħ kien irrekordjat programm ta' marċi li ġew imxandra fuq ir-'Rediffusion'. Dawn kienu ġew irrekordjati fl-iskola tal-Imsieraħ u bħala preżentatur kien il-magħruf Victor Galdes. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Parnis.

**Niket u Nkwiet**

Kienet sena li dehret li sa tkun ta' success imma ma kellux ikun hekk. Tant kienet tidher sena tajba li l-kumitat iddeċieda li jżid l-istrumentatura tal-banda. Il-ftehim kien li xi membri tal-kumitat imorru ma' Mro. Parnis jaraw xi strumenti, iżda hu baqa' ma deherx. Iktar tard waslet l-aħbar kiefra li hu kien tilef ħajtu f'inċident tat-traffiku fil-Blata l-Bajda. Kienet aħbar kerha u telfa kbira l-iżjed għal martu li kienet qiegħda tistenna tarbija u għall-familja tiegħu. Għalina tal-banda kienet daqqa ta' ħarta, mhux biss għax tlifna surmast ħabrieki u bravu imma wkoll ħabib. Il-banda tagħna kienet l-ewwel banda li mexxa u kienet il-mimmi t'għajnejh! Iżda issa ma stajniex nieqfu hawn. Postu reġa' ħadu Mro. C. Schembri li kien ġie lura mill-Awstralja.

L-inkwiet kompla żdied fil-bidu tal-1969 meta sid l-Imsieraħ Pharmacy' avviċina lill-President dwar xi ħsarat li kien hemm fis-saqaf tal-ispiżerija li kienet taħt il-każin tal-banda. Huma marru flimkien l-ispiżerija u l-President assigura lis-Sur Galea li l-każin kien ser jibqa' magħluq sakemm jaraw x'seta' jsir. U l-każin inżamm magħluq minn dak il-jum stess u nfetaħ biss biex jiltaqa' l-kumitat mal-kuntrattur ħalli jaraw x'kellu jsir.

Sar appell lil xi ambaxxati u xi ditti lokali imma r-rispons kien wieħed batut. B'danakollu l-kumitat iddeċieda li x-xogħol isir. Tqabbad il-kuntrattur G. Borg li ħadem is-saqaf u nxtara l-madum li tqiegħed bla ħlas minn Alfred Vella. Għenu G. Cini, J. Sultana, Ch. Busuttil, Ed. Schembri, Car. Grima, Kar. Vella u T. Grima. It-tindif sar mill-familja tal-President bil-għajnuna ta' oħrajn fosthom Miriam Vella u Rita Cachia. Huma baqgħu jieħdu ħsieb it-tindif tal-każin sakemm għalaq għall-ħabta ta' Settembru 1970.

**Il-Banda Tagħlaq il-Bieb**

Is-sena 1969 kienet l-aħħar sena li fiha l-festa saret fix-xahar ta' Mejju. Mill-1970 'il quddiem il-festa tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imsieraħ bdiet issir fl-ewwel Ħadd t'Awissu. Bħas-snin ta' qabel saret laqgħa bejn il-prokuratur tal-festa li kien Patri Klement Vella u l-kumitat tal-banda. Patri Klement informa lill-kumitat li l-komunità tal-Kapuċċini ddeċidiet li ma tibqax tgħaddi l-flus lill-banda kif kien miftiehem. Din kienet somma żgħira li tingħata lill-banda kull sena fi żmien il-festa. Patri Klement għamilha ċara li hu ma kienx jaqbel ma' din id-deċiżjoni, imma dik kienet l-ordni li kellu. Ta' min jgħid li dawn il-flus ma kinux joħorġu mill-fondi tal-kunvent imma mill-ġabra li kienet issir għall-festa. Deher ċar li bit-tluq ta' Patri Mario lejn kunvent ieħor kien inbidel kollox.

B'hekk il-banda ġiet xolta u l-każin għalaq il-bieb għall-aħħar darba. Vella u Grima biegħu l-ftit għamara li kien hemm u ħallew dak kollu li kien jappartieni lill-Għaqda Mużikali fil-kustodja tal-komunità tal-Kapuċċini. Ta' nota kienu xi strumenti mużikali, standardi u bandalori, żewġ settijiet ta' marċi (sett ta' Mro. Schembri u sett ta' Mro. Parnis) u żewġ marċi li kienu nġabu nill-Ingilterra. Magħhom tħallew il-partituri ta' kull marċ kif ukoll il-ktieb tal-minuti, ktieb tal-kontijiet flimkien ma' għadd ta' ritratti u anke somma żgħira ta' flus. Hi ħasra kif ħadd ma jaf x'sar minn dawn l-oġġetti.

Jiddispjacini li minħabba ċirkustanzi persunali din se tkun l-aħħar okkażjoni li nagħti l-kontribut żgħir tiegħi f'kull magazin li joħroġ fil-jiem tal-festa. Għaldaqstant ma nistax ma nawgurax minn qalbi lil Ġwanniżi kollha 'Il-Festa t-Tajba' u lill-Għaqda Mużikali Madonna Ta' Lourdes 'Ad Multos Annos.'